MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Avviz Numru. 533/2001/1

**Tarcisio Galea Hotel Operators Ltd**

**Vs**

**Mirya Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundananta li tirrifondi lil dik attrici is-somma ta' tmin mija erbgha u sebghin lira (Lm874) prezz ta' mirja li gew installati fir-Ramla Bay Resort Marfa peress illi dawn huma difettuzi u mhux tal-kwalita pattwita.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tal-20 t'Ottubru 2000 u ta l-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru 2000 u tal-Mandat ta' Sekwestru ippresentat kontestwalment ma'

dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Dicembru 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 9 tal-atti) u li biha esponiet bir-rispett:-

1. Illi s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex thallas l-ammont pretiz lis-socjeta' attrici billi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi x-xoghol maghmul mis-socjeta' konvenuta sar skond is-sengha u l-arti u kienet l-istess socjeta attrici li kkagunat il-hsara fuq il-mirja mertu ta' din il-kawza.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward it-talba in esami u l-eccezzjonijiet sottomessi mill-istess socjeta konvenuta, gew sottomessi s-segwenti provi:-

a) <u>Tarcisio Galea</u> (fol 15 et seq ibid) bhala direttur tas-socjeta attrici spjega li hu, matul l-1999, kien ordna numru ta' mirja minghand is-socjeta konvenuta li kienet inkarigata ukoll mit-twahhil taghhom fil-Lukanda msemmija fl-istess xhieda. Madwar tlett (3) xhur wara l-konsenja w it-twahhil tal-istess mirja fil-kmamar tal-banju tal-Lukanda msemmija, ix-xhud spjega testwalment "… fid-dawra tal-istess mirja hareg qiesu kulur ahmar". "Il-mirja bdew jittebbghu minn wara" u "…… bdiet tohrog 'corrosion' ". Dwar dan l-ilment kif deskritt, kienet giet informata s-socjeta konvenuta u wara li saru xi diskussjonijiet bejn il-partijiet kienet saret proposta izda "...ma wasalna ghal ebda arrangament" skond kif spjegat fl-istess xhieda. Dwar il-prezz li kien miftiehem, ix-xhud spjega illi dak l-ammont mitlub fl-avviz, kien gie, filfatt, imhallas mis-socjeta attrici iizda ma setax jghid jekk "..hallastx (l) il-prezz kollu ….". Inoltre l-istess mirja, allegatament difettuzi jew mhux skond il-kwalita' pattwita',

kienu ghadhom imwahhlin fil-post. Fl-ahhar nett, dwar l-allegati difetti, hu spjega illi "……. l-ewwel bdiet tmur wahda … u imbaghad l-istess difett beda johrog f'mirja ohra" (ara ukoll iz-zewg ittri esebiti 'in atti' a fol 19 u fol 20).

b) Gaspare Battistino (fol 27 et seq ibid) direttur tas-socjeta konvenuta u prodott minnha, spjega illi, waqt li kienu ghaddejjin in-negozjati bejn il-partijiet ghal xiri u twahhil ta' mirja fil-Lukanda gestita mis-socjeta attrici, illi din "…. Ma' rieditx tonfoq hafna flus, u ghalhekk, minn zewg tipi differenti ta' mirja li setghu jintghazlu, is-socjeta attrici kienet ghazlet dak li, fuq wara, jkun sprovvist minn "foil" sabiex il-prezz jinzamm baxx. Hu spjega illi, in rigward it-tip l-iehor disponibbli fuq in-naha ta' wara, parti tkun mizugha u parti tkun mghottija minn "foil" u dan "… sabiex il-mera tkun 'shatterproof' " kif spjegat fl-istess xhieda u sabiex tigi evitata hsara fil-mera' kawzata minn umdita'. Wara li saret l-ordni, ix-xhud kompla biex jghid illi x-xoghol ta' installar ta' mirja kien sar f'dik il-parti tal-Lukanda li kienet qed tinbena billi "… jizdiedu xi sulari". Dwar l-istallar tal-mirja ix-xhud spjega li "… kien sar 'schedule' ta' kif u meta l-istess mirja kellhom jitwahhlu" u dan billi giet esercita ".. pressjoni kbira fuqna" minhabba "bookings" fl-istess Lukanda. Dwar it-twahhil, il-mirja kellhom jitwahhlu, permezz ta' kolla specjali mat-'tiles' u dwar dan ix-xhud kien gibed l-attenzjoni tas-socjeta attrici li ".. t-tiles kienu ghadhom friski u minnhom kien ghadu qed johrog l-ilma". Pero, fuq insistenza tal-istess socjeta il-mirja, xorta wahda kien twahhlu "… u dan wara li ahna hadna l-prekawzjoni li jitmesshu t-tiles". Bhala konsegwenza ta' dak li ghadu kemm spjega, ix-xhud semma' li gie informat illi "wara aktar minn gimgha" mit-twahhil, kienu waqghu xi mirja "zewg … jew tlieta" minhabba li kienu twahhlu fuq 'tiles' "… friski" u b'….umdita qawwija". Wara li dawn gew rimpjazzati, ma kienx waqghu aktar. Izda wara li skadew madwar xahar jew xahrejn, kien gara illi l-mirja bdew jittebbghu. Dwar dan is-socjeta konvenuta insistiet illi xi xoghol kif esegwit kien skond l-arti w s-sengha rikjesti u "… dak li gara kien kollu kawza tal-umdita li kienet hierga mit-'tiles' kif spjegat". Inoltre dwar il-prezz tal-materjal u xoghol , kien ghad hemm bilanc dovut mis-socjeta attrici. Jigi notat illi

x-xhud sostna fl-istess xhieda illi s-socjeta konvenuta qatt ma kellha xi lment in konnessjoni ma ordnijiet ohra maghmulin minn terzi persuni meta dawn kienu ukoll ordnaw mirja minghajr “foil” fuq wara. Inoltre hu kien “perswazissimu“ illi kien gie spjegat lis-socjeta attrici x’setghet kienet il-konsegwenza ta’ stallazzjoni ta’ mirja minghajr “foil” f’kmamar tal-banju, li jkun soggetti ghal umdita.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi kollha in ezami, l-Qorti sabiex tasal ghad-decisjoni Taghha ikkonsidrat is-segwenti fatturi:-

a) Is-socjeta attrici qed titlob ir-refusjoni tal-ammont mitlub fl-avviz u dan minhabba li qed tallega illi l-mirja li gew stallati “… huma difettuzi u mhux tal-kwalita pattwita”. Mill-avviz jirrisulta ukoll illi l-istess ammont kien gie mhallas bhala prezz tal-mirja. Mit-talba kif maghmula jidher car illi l-lment tas-socjeta attrici jirreferi ghall-mirja in kwistjoni “per se” u mhix ghax-xoghol ta’ stallar u twahhhil esegwit mill-istess socjeta konvenuta.

b) Stabbilit ghalhekk illi l-kuntratt in esami hu dak ta’ “compravendita”, l-ewwel nett ser jigi trattat il-punt dwar dak allegat mis-socjeta attrici cjoe illi l-istess mirja ma’ kienux tal-kwalita pattwita. Dan hu regolat mill-artikolu 1390 tal-Kodici Civili li jghid illi meta l-haga mibjugha u ma tkunx tal-kwalita miftehma, il-kompratur jista’ jaghzel li ma jaccettax il-haga u jitlob id-danni jew li jaccetta l-istess haga bi tnaqqis fil-prezz wara stima ta’ esperti fil-kaz in desamina. F’dan il-kaz ma jidhirx li s-socjeta attrici ghamlet din l-ghazla. Difatti l-mirja in kwistjoni baqghu fil-pussess tas-socjeta’ attrici, kif jidher mill-istess provi, avolja kienu saru xi diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar dan il-punt. Hawnhekk, is-socjeta attrici, f’kaz li dik konvenuta tkun irrifjutat li tiehu lura l-istess oggetti, kien jmissha ddepisitathom taht l-Awtorita’ tal-Qorti. Pero dan ma sarx u ghalhekk it-talba in esami ma hiex sostenibbli fuq din il-bazi. Inotlre, dwar it-tieni ghazla, li setghet taghmel is-socjeta attrici, ma jdihirx, mill-avviz in esami illi din qed titlob riduzzjoni fil-prezz tal-istess mirja, allegatament difettuzi,. In konklusjoni, it-talba, in esami kif basata fuq

"mhux il-kwalita pattwita ma tistax, fuq basi legali, tigi akkolta".
c) Dwar it-talba ghar-refusjoni tal-prezz tal-istess mirja minhabba ".. .illi dawn huma difettuzi" aktarx is-socjeta attrici qed tirreferi ghal garanzija li kull venditur hu obligat li jaghti "ex lege" in rigward <u>difetti mohbija</u> sakemm ma jkunx hemm ftehim car dwar l-esklusjoni ta' tali garanzija. F'dan il-kaz, kif jidher mill-artikolu 1429 u 1428 (1) u (2) tal-Kodici Civili, il-kompratur ghandu ghazla bejn li jistitwixxi azzjoni "ad hoc" sabiex il-prezz kollu jigi mhallas lura lilu u l-oggett tal-bejgh jinghata lura lill-venditur u jaghmel kawza sabiex il-prezz jigi mnaqqas u l-parti mnaqqsa mhallsa lura lilu waqt li jzomm l-istess oggett jew oggetti. Fil-kaz "in desamina", mill-provi prodotti ma rrisultax, b'mod car, kemm kien il-prezz totali tal-mirja. Pero' kif sar l-avviz jidher li s-socjeta attrici qed titlob ir-refusjoni <u>tal-prezz kollu</u> u mhux ta' parti mill-prezz u b'hekk l-azzjoni in esami ghandha tigi konsiderata bhala l-"actio redhibitoria". F'dan il-kaz, is-socjeta attrici, bhala l-kompratur kienet obligata li taghti l-oggetti allegatament difettuzi, skond kif premss, u f'kaz ta' rifjut ta' dan da parti tas-socjeta konvenuta, kellha tiddeposita l-istess oggetti taht l-awtorita tal-Qorti, kif filfatt ma ghamlitx. Ghalhekk, it-talba in esami anke fuq din il-bazi legali, ma tistax tigi akkolta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din il-Qorti ghandha, xorta wahda, tghid u tissottolinea, illi, mill-provi prodotti u kif esposti, ma deherx car u evidenti, fuq basi ta' probabilta, illi l-mirja "per se" kienu affetti minn xi difett mohbi jew gew konsenjati minghajr il-kwalita miftehma, bejn il-parijiet. Filfatt hemm <u>probabilta' kbira</u> illi dak allegat mis-socjeta attrici kien risultat ta' twahhil maghmul b'mod mghaggel tal-istess mirja minhabba pressjoni esercitata mis-socjeta attrici stess kif ukoll minhabba l-intenzjoni tas-socjeta attrici li ".. ma rieditx tonfoq hafna flus" (ara fol 27 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, it-talba attrici, kif maghmula ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes kollha jithallsu mill-istess socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------